

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda impliċita tat-talba għal kumpens mressqa mir-rikorrenti fid-19 ta' Diċembru 2017 u, kif meħtieġ, id-deċiżjoni tat-12 ta' Novembru 2018 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;
- tikkumpensa d-danni materjali u morali sostnuti mir-rikorrent;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-obbligi kuntrattwali tal-konvenuta fir-rigward tar-rikorrent, peress li l-Kummissjoni ma osservatx l-impenn tagħha li taħtar lir-rikorrent fil-kariga ta' faċilitatur tal-Unjoni Ewropea tas-Sħubija għall-Foresti tal-Baċir tal-Kongo.
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' osservanza tal-aspettattivi leġittimi.
 3. It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġħ.
 4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tal-obbligu ta' premura.
-

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Frar 2019 — Gwo Chyang Biotech vs EUIPO — Norma (KinGirls)

(Kawża T-85/19)

(2019/C 122/33)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Gwo Chyang Biotech Co. Ltd (Tainan, it-Tajwan) (rappreżentant: J. Kakoures, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Norma Lebensmittelfilialbetrieb Stiftung & Co. KG (Nürnberg, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenju: ir-rikorrenti

Trade mark kontenju: kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni figurattiva KinGirls — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 151 038

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 718/2018-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralı jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din laqgħet l-oppożizzjoni għal prodotti inklużi fil-klassi 3 u tiċħad l-oppożizzjoni fl-intier tagħha;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Norma Lebensmittelfilialbetrieb Stiftung & Co. KG għall-ispejjeż sostnuti għall-finijiet tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, tal-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell u ta' din il-proċedura.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2019 — Solnova vs EUIPO — Canina Pharma (BIO-INSECT Shocker)

(Kawża T-86/19)

(2019/C 122/34)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Solnova AG (Zollikon, l-Isvizzera) (rappreżentant: P. Lee, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Canina Pharma GmbH (Hamm, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “BIO-INSECT Shocker” — Trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 14 837 553

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-11 ta' Diċembru 2018 fil-Każ R 276/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralı jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti fil-proċedimenti tal-appell.